MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2636/2002

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Anna Aguia u zewgha Alfred Aguis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) rappresentanti import ta' tnax il-kambjala, wahda ta' Lm65.00 (bilanc), u hdax ta' Lm85.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2001 sa Ottubru 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 12.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-31 ta' Ottubru 2002 jammontaw ghal Lm46.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk

tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 2002, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant , filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, t-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjes ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------